MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 989/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**Vs**
**Alfred Fenech ta' 58 sena, bin il-mejjet Dominic u Rose nee' Camilleri imwieled Qormi fis-16 ta' Jannar 1955 u joqghod 119, Triq Zekka Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 100755(M);**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alfred Fenech li gie akkuzat talli bejn Ottubru 2001 u Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fil-kapacita tieghu personali, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi iggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta'

€8353.81 ai termini ta'l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-4 ta' Dicembru 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza ta' *ne bis in idem*.

Semghet trattazzjoni fuq l-istess eccezzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qieghed jissolleva l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* billi jikkontendi illi huwa kien diga gie akkuzat bl-istess fatti li dwarhom huwa akkuzat ukoll f'dina l-istanza ghal liema fatti huwa kien diga' gie misjub hati. In sostenn ta' dana huwa jaghmel referenza ghal sentenza deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta (Magistrat Doreen Clarke) fid-09 ta' Gunju 2011[1]. L-imputat hemmhekk kien gie akkuzat illi "**bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud skond l-Att ta'l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta'l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta'l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (6) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perijodi li ntemmu fil-31 ta' Dicembru 2001, fil-31 ta'**

[1] Ara sentenza esebieta Dokument CA5 a fol.48

**Dicembru 2002 sal-31 ta' Marzu 2003, it-30 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 u fil-31 ta' Marzu 2009 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 76(c) ta'l-Att Nru.XXIII ta'l-1998".**

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti sabet lill-imputat hati ta' dina l-akkuza, ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €700 u dana wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 76 ta'l-istess Att ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhu mal-ligi u cioe' illi jipprezenta id-denunzji flimkien mal-hlas dovut u fin-nuqqas li jaghmel dan huwa jehel multa ohra ta' hmistax-il ewro ghal kull jum li matulu ikompli n-nuqqas.

Illi fil-kaz odjern l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija wahda ta' misapproprjazzjoni u dana ghaliex huwa naqas milli ihallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju dwar it-Taxxa ghal Valur Mizjud ghall-istess perijodu indikat fis-sentenza hawn fuq riferita billi tali nuqqas jista' ifisser illi huwa dawwar bi profitt ghalih il-flus li huwa gabar minn ghand il-klijenti tieghu u li kellu ighaddi lill-Gvern fil-forma ta' VAT.

Illi l-abbli difensur ta'l-imputat jikkontendi illi l-imputat f'dina l-istanza qed jii akkuzat bl-istess atti li dwarhom huwa gie misjub hat is-sentenza tal-2011 billi dik il-kawza kienet ukoll titratta dwar in-nuqqas da parti ta'l-imputat li jahmel il-hlasijiet dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li huwa kien diga gabar.

Ikkunsidrat,

Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioe' fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Principju li ihares id-dritt fondamentali tal-bniedem milli jigi sottopost ghal process gudizzjarju iktar minn darba ghall-istess reat. Madanakollu hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminal u dak imhares mill-

Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma’ dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra testwalment;

“***Wara sentenza li f’kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra***.”

Dana jippostula zewg elementi importanti u cioe’ fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jigi illiberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta’ Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai Magrin inghad illi:

“it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u cioe' fejn intqal li :
*"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***

Illi ghalkemm f’dina is-sentenza l-eccezzjoni giet michuda, madanakollu l-akkuzat f’dik il-kawza sussegwentement ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn hemm il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie

precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi s-sentenza taghmel esposizzjoni tajba ta’ dana il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali.[2]

“... Il-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m’ghandha qatt terga’ tghaddi minn process iehor **dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process**. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta’ garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta’ xejra kostituzzjonali.”

“Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.”

Illi is-sentenza Il-Pulizija vs Anthony Vella et, l-Qorti ta’l-Appell Kriminali stqarret:
“Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta’ kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f’okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta ta’ haddiehor u f’okkazzjoni ohra jerga’ jahmel l-istess tip ta’ hsara fuq l-istess proprjeta’ ma jista’ bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata.”

---

[2] Ara sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim’Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin deciza is-26 ta’ Marzu 2009.

Is-sentenza kostituzzjonali hawn fuq iccitata taghmel referenza ghal kawza ohra deciza mill-kompjant Imhallef William Harding li stqarr li bi thaddim tar-regola *ne bis in idem*: “***The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.***”

Illi is-sentenza kostituzzjonali hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs Nicolai Magrin tkompli tghid:

“Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b’mod tali li izzomm milli persuna terga’ titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga’ tressqet taht procedura li ntemmet b’sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b’xehha jew b’anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali.”

Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar ‘il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista’ terga titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-fatti li dwarhom l-imputat gie akkuzat bihom fl-ewwel kawza huma identici ghal dawk ta’ dina l-kawza. L-imputat ma ghamilx id-denunjzi relattivi ghas-snin bejn Ottubru 2001 u Dicembru 2003 u lanqas ma ipprezenta il-hlas dovut ghall-istess denunzji. Fil-fatt fl-ewwel kawza l-akkuza kienet tirreferi mhux biss ghan-nuqqas da parti ta’l-imputat li ihejji id-denunzji relattivi ghal dana il-perijodu taz-zmien izda ukoll ghan-nuqqas tieghu milli  jaghmel il-hlas dovut. U

ghal dawn il-fatti huwa kien gie ikkundannat. Ma tistax issa l-prosekuzzjoni tressaq lill-imputat ghal dawn l-istess fatti li dwarhom hu gie misjub hati u ikkundannat b'akkuza ohra differenti. L-imputat diga gie ikkundannat piena ghal fatt illi baqa' ma hallasx l-ammont dovut lill-Kummissarju ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi qed jinkorri penali ta' hmistax-il ewro ghal kull jum li huwa jonqos milli ihallas dana l-ammont. Illi li kieku dina l-Qorti kellha tghaddi sabiex tiggudika lill-imputat fuq dawn il-fatti, ma hemmx dubbju illi l-imputat ikun qed jircevi piena doppja ghall-istess fatt, u ghalhekk b'dana it-tieni proceediment ikunu qed jigu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu.

Illi jkun opportun li ssir riferenza wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti qalet li hija:

***"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being***

***tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court’s inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*”**

Illi ma hemmx dubbju illi il-persuna ta’l-imputat hija identika ghal dik ta’l-ewwel proceduri. Illi anke il-fatti u id-dokumenti esebieti jirreferu ghall-istess fatt u cioe’ ghall-ammont ta’ taxxa dovuta fuq denunzji li ma gewxipprezentati flimkien mal-hlas taghhom. Illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jistax jikseb kundanna b’penali ezorbitanti ghal fatt illi it-taxpayer ma ikunx hallas it-taxxa dovuta, imbaghad jinsisti li jergghu jittiehdu proceduri kriminali b’*letter to prosecute* ohra sabiex jikseb piena karcerarja ghar-reat ta’ misapproprjazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dana jikkostitwixxi lezjoni lampanti tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fejn minhabba in-nuqqas mill-Kummissarju li jipprocedi abbazi ta’l-ewwel sentenza li ikun kiseb jintenta proceduri gudizzjarji ohra sabiex b’xi mod jirnexxielu jikseb il-hlas dovut, haga li tispetta finalment lilu bl-ghodod kollha li taghtih il-ligi fil-Kapitolu 406.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tan-*ne bis in idem* u ghalhekk tilliberah mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------